# Il-Kappella ta' Santa Marija



Fost il-ħafna kappelli li nsibu mxerrdin mal-erba' irjieħ tar-raħal tagħna insibu il-Kappella ta' Santa Marija. Din tinsab quddiem il-każin fi pjazza ħelwa li fl-imgħoddi jingħad li konna nsibu tlett kappelli. Tnejn għadhom eżistenti, il-Knisja ta' Sant' Andrija Appostlu u Martri u din ta' Santa Marija. Pero' fl-imgħoddi kien hemm kappella oħra aktarx ddedikata lil Sant' Agata.

Il-Knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala 'Ta Duna', taf il-bidu tagħha lil Marjanu Portelli fl-1569. Meta dan ir-raħal sar parroċċa fl-1594, kie hemm erba' knejjes ddedikati lil Santa Marija u għalhekk il-qima lejn dan it-titlu tal-Madonna fir-raħal tagħna hu qadim ferm. Din il-knisja kienet ġuspatronat u d-dar ta' ħdejha kienet tagħmel parti minnha. Iżda maż-żmien dan il-ġuspatronat intilef u l-knisja bdiet tinfetaħ għall-pubbliku.



Matul is-snin il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid bl-istil tabilħaqq eleganti u mżejna b'ħafna skultura sabiħa fil-ġebla maltija. Il-kwadru titulari li jirrappreżenta t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna hu xogħol il-pittur Mikiel Busuttil. Fis-sagristija jinsab kwadru ieħor ta' Santa Marija , impinġi minn Zakkarija Micallef fil-bidu tas-seklu XVII.

Din il-knisja tkun miftuħa kuljum għal adorazzjoni tas-Sagrament.